**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 65/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**
**vs**
**Joanne Agius**

**Illum 16 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joanne Agius ta' 22 sena, detentrici tal-karta ta' l-identita' 0467194M.

Akkuzata talli nhar is-7 ta' Frar, 2017, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar gewwa l-ufficini ta' l-Agenzija 'Appogg' sitwati gewwa Triq San Luqa G'Mangia, Pieta':

1. Meta kienet taf illi kellha jew li kienet aflitta b'xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi specifikata skont is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 244A tal-Kap. 9, b'xi mod xjentement trasmettiet, ikkomunikat jew ghaddiet dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna ohra li ma kienitx marida jew aflitta biha, u dan bi ksur tal-Artikolu 244A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta' PC 1469 Emerson Borg u PC 984 Christian Gauci, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li

kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjat, heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC 1469 Emerson Borg u ta' PC 984 Christian Gauci, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Bil-hsieb li tikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 1469 Emerson Borg uriet dan il-hsieb billi b'atti esterni tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlet offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1469 Emerson Borg skond kif iccertifikat Dr. Sarah Cuschieri (Reg. No. 3573) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikoli 215 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kisret il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjat, insulentat u heddedt bi kliem lil Joseph Antonovich u Alicia Cauchi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlet hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP 535 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsarat komplessivament ma

jiskorrux il-mitejn u hamsin ewro (250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallithomx jew fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi kisret il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilha fit-3 ta' Frar, 2015 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputata bhala li saret recediva ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi cioe' PC 1469 Emerson Borg, PC 984 Christian Gauci, Joseph Antonovich u Alicia Cauchi jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 8 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', current incident report datat 7 ta' Frar, 2017, stqarrija rilaxxjata mill-imputata fis-7 ta' Frar, 2017, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputata, fedina penali tal-imputata, certifikat mediku ta' Emerson Borg, certifikat mediku ta' Christian Gauci, sentenza datata 3 ta' Frar, 2015, sentenza datata 9 ta' Novembru, 2011 immarkata bhala Dok EM1, certifikat mediku rilaxxjat lil Joanne Agius immarkat bhala Dok EM2, rizultati tat-testijiet tad-demm ta' Emerson Borg immarkati bhala Dok EM3, notamenti ta' WPC 126 Isabella Galea mmarkati bhala Dok IG1, social inquiry report immarkat bhala Dok MA1,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lill-Ispettur Elliott Magro, PS 991 Alexander Gauci, PC 948 Christian Gauci, Alicia Cauchi, Joseph Antoncich, Marilyn Attard, Maria Mangion, PC 1469 Emerson Borg, PC 1100 Neil Micallef, Dr. Maryanne Caruana, WPC 126 Isabella Galea, Dr. Sarah Cuschieri,

Semghet ix-xhieda tal-imputat James Bugeja, dettata b'mod volontarju fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu.

**Spettur Elliott Magro**, jispjega li fis-7 ta' Frar, 2017 ghal habta tas-14:30 hrs, gie nfurmat minn PS 991 illi fl-ufficini tal-Agenzija Appogg, certa Joanne Agius kienet qed tinzamm taht arrest. Gewwa l-istess ufficini, PC 1469 Emerson Borg u PC 948 Christian Cauchi kienu xoghol "extra duty" u ghal habta tas-14:00 hrs, Joanne Borg dahlet gewwa l-Agenzija Appogg b'certa aggressivita u rabja. Riedet tkellem lis-social workers stante li kienet ittihditilha t-tarbija taghha liema tarbija kien ghad kellha ftit granet u dak inhar tal-accident, Joanne Agius suppost kellha access tat-tifla u s-social workers kienu cemplulha biex jinfurmawha li l-access kien waqfilha. Kemm il-pulizija u kemm is-social workers Joseph Antoncich u Alicia Cauchi pruvaw jikkalmaw lil Joanne Agius izda Joanne Agius imbuttat lil Alicia Cauchi u Joseph Antoncich u ghalhekk PC 948 Christian Cauchi mar biex jipprova jzommha izda Joanne Agius f'dan il-hin ippruvat tigdimlu l-polz. Ftit tal-hin wara gew PS 991, WPC 126 u PC 1100 sabiex jassistu lill-Pulizija prezenti u lis-social workers, izda hekk kif resaq PS 991 lejn Joanne Agius, din tal-ahhar intefghet mal-

art tghajjat u thedded li se tkisser kull m'hemm.  Il-Pulizija marru biex jerfghu lil Joanne Agius u f'dan il-hin daret fuq PC 1469 u gidmitlu l-pexxun ta' saqajh fuq in-naha tal-lemin. Il-Pulizija kellhom jimmanettjawha u ttiehdet gewwa l-Ghassa l-Hamrun bil-vettura GVP 535.  L-Ispettur Magro jispjega li s-social worker Marilyn Attard kienet infurmatu li kien hemm riskju li Joanne Agius kienet infettata bil-virus hepatitis C u ghalhekk l-Ispettur ta struzzjonijiet lill-pulizija li garrbu griehi sabiex imorru ghall-assistenza medika gewwa Mater Dei.  Joanne Agius giet mitkellma dak inhar stess fejn ghazlet li tkun assistita minn Dr. Jason Azzopardi u waqt l-istqarrija kien hemm prezenti wkoll Dr. Julian Farrugia.  Fl-istqarrija, Joanne Agius ghazlet li ma twegibx ghal maggoranza tad-domandi.  Joanne Agius izda qalet lill-Pulizija li l-Agenzija Appogg permezz ta' care order kienu hadulha t-tifla u kienu cemplulha biex jghidulha li lanqas access ma kellha ghat-tarbija u ghalhekk marret l-Agenzija Appogg sabiex tkellem lis-social workers.  Tinnega li gidmet lill-pulizija u spjegat li pjuttost daruha l-Pulizija.

**PS 991 Alexander Gauci**, jghid li fis-7 ta' Frar, 2017 huwa kien xoghol gewwa l-Ghassa tal-Hamrun u ghal habta tas-14:30 hrs gie nfurmat minn PC 948 u PC 1469 li kellhom bzonn l-assistenza gewwa l-Agenzija Appogg stante li kien hemm persuna femminili li kienet qed taqla' l-inkwiet.  Ghalhekk, PS 991 flimkien ma WPC 126 u PC 11000 marru gewwa l-Agenzija Appogg fejn sabu lil certa Joanne Agius fi stat inkontrollabbli stante li bdiet tghajjat, tidghi u thedded li kienet se tkisser kull m'hemm.  PS 991 informa lil Joanne Agius li minhabba l-attitudni taghha, kellu jarrestaha u hekk kif resqu l-pulizija sabiex jarrestawha, Joanne Agius intefghet mal-art u bdiet ixxejjer idejha u saqajha u timmira lejn il-partijiet privati tal-Pulizija.  Kif irnexxielhom jersqu vicin, Joanne Agius daret u gidmet lil PC 1469 fil-pexxun tieghu.  Jispjega li anke meta rnexxielhom idahluha fil-vettura tal-pulizija, Joanne Agius baqghet taghti bis-sieq u anke qalghet parti mill-console tan-nofs tal-karozza.

**PC 948 Christian Gauci**, jghid li fis-7 ta' Frar, 2017 huwa kien xoghol gewwa l-Agenzija Appogg u ghal habta tas-14:30 hrs dahlet Joanne Agius gewwa l-istess Agenzija.  Kif dahlet Joanne Agius, bdiet thedded li se tkisser kull m'hemm.  Nizlu jkelmuha s-social workers Joseph Antoncich u Alicia Cauchi izda Joanne Agius infurmathom li jekk ma kienux se jhalluha tara lil bintha, hi ma riditx tkellimhom.  PC 948 jispjega li Joanne Agius bdiet tindirizza lil Joseph Antoncich u theddu li jista' jkun ma jarax lill-ibnu ta' tlett snin u

ghalhekk Joseph Antoncich infurmaha li l-meeting ma kienx se jsir. Hawnhekk Joanne Agius imbuttatu u PC 948 mar izommha milli timbutta lil haddiehor u hekk kif zamma, Joanne Agius irnexxielha tigdimlu idejh. PC 948 infurmaha li kien se jirraportaha u hekk kif qallha hekk, Joanne Agius qalu "*irrapurtani, busli oxxi*". Inoltre, PC 948 talab lil Joanne Agius titlaq il'barra, izda din tal-ahhar ma rieditx titlaq qabel ma tara lil bintha. Ghalhekk PC 948 cempel lis-surgent 991 sabiex jassistih. Meta gew il-Pulizija sabiex jarrestawha, Joanne Agius intefghet mal-art u daret fuq PC 1469 u gidmitlu l-pexxun ta' siequ. Meta rnexxilhom jarrestawha u jdahluha fil-vettura tal-Pulizija, Joanne Agius baqghet taghti bis-sieq u xxutjat il-beacon lights, kisret is-serena tal-air horn u anke bezqet lill-pulizija.

**Alicia Cauchi**, hija haddiema social fis-servizz ta' child protection investigation u tispjega li fis-7 ta' Frar, 2017 hija cemplet lil Joanne Agius u nfurmatha li kien se jinqata' l-access tat-tifla minhabba li fl-access ta' qabel, Joanne Agius qieghdet lit-tarbija f'periklu. Xi ghaxar minuti wara din it-telefonata, Joanne Agius giet l-Agenzija Appogg mas-sieheb taghha u riedet tkellem lil Alicia Cauchi. Alicia Cauchi nizlet tkellem lil Joanne Agius flimkien mal-leader taghha Joseph Antoncich. Joanne Agius kienet aggressiva hafna u anke hebbet ghal Alicia Cauchi u mbuttat lil Joseph Antoncich. Joanne Agius anke heddedt lil Alicia Cauchi li kienet se ssibha barra meta ma tkunx protetta mill-Pulizija. Alicia Cauchi ntalbet li tohrog barra mill-kamra stante li Joanne Agius kienet qed tindirizza r-rabja taghha lejn l-istess Cauchi u hi u hierga, semghet lil Joanne thedded lil Joseph Antoncich bit-tifel tieghu. Alicia Cauchi taf li l-imputata tbati minn sahha mentali u l-isptar kienu anke nfurmawha li Joanne Agius jista' jkun li tbati wkoll minn hepatitis C.

**Alicia Cauchi** regghet xehdet nhar it-13 ta' Gunju, 2019, fejn spjegat li kienet ilha taf lil Joanne Agius minn mindu inqabdet tqila bl-ewwel tarbija. Tispjega illi meta Joanne Agius weldet, inharget care order fil-konfront tat-tifla u Joanne Agius harget mill-isptar minghajr ma ffirmawla t-tobba. Ir-raguni li harget il-care order kienet li s-social workers kellhom biza' li Joanne Agius ma kienitx se tkun genitor idejali ghat-tifla. Hija tikkonferma li Joanne Agius kellha access ghat-tifla ta' siegha fil-gimgha gewwa l-binja tal-Appogg taht supervizjoni. Alicia Cauchi tiddeskrivi l-agir ta' Joanne Agius bhala aggressiv, anke meta kien ikollha t-tifla f'idha, bhal per ezempju darba hebbet ghall-istess Alicia Cauchi bit-tarbija fuqha, u ghaldaqstant kienet qed tipperikola l-hajja tat-tifla. Gurnata ohra, Joanne Agius ippruvat tghaddi lit-tifla minn go tieqa tal-binja tal-Appogg sabiex tahrab biha. Fil-

gurnata tal-incident, Alicia Cauchi cemplet lil Joanne Agius u nfurmata li peress li ma kienitx qed iggib ruhha sew, u kienet qed tipperikola l-hajja tat-tarbija taghha stess, l-Appogg iddecidew li jkun ahjar jekk l-access jitwaqqaf sakemm tikkalma s-sitwazzjoni.

**Joseph Antoncich**, huwa team leader tas-servizz ghal harsien tat-tfal fi hdan l-Agenzija Appogg. Jghid li fis-7 ta' Frar, 2017 kien qieghed jitkellem mal-kollega tieghu Alicia Cauchi li hija l-lead worker tal-kaz tat-tifla ta' Joanne Agius. Alicia Cauchi kienet infurmat lil Joseph Antoncich li kellha telefonata ma Joanne Agius dwar it-terminazzjoni tal-access taghha mat-tifla u nfurmatu li kellha bzonn l-assistenza tieghu. Kif Joseph Antoncich flimkien ma Alicia Cauchi nizlu fir-reception sabiex ikellmu lil Joanne Agius, din tal-ahhar wara ftit sekondi bdiet titkellem hazin, thedded u tghajjat. Joanne Agius bdiet tghid li se tkisser il-bini tal-Appogg u se twegga lilha nnifisha. Kemm Joseph Antoncich kif ukoll il-pulizija prezenti wissew lil Joanne Agius biex ma titkellimx b'dan il-mod izda pjuttost irrabjat iktar u hebbet ghas-social worker Alicia. Sahansitra anke mbuttat lil Joseph Antoncih ukoll u dan mexa ftit passi lura bid-daqqa li qala'. Il-pulizija li beda jipprova jzomm lil Joanne Agius safa' migdum idu l-leminija minn Joanne Agius. Il-pulizija talab ghall-assistenza u Joanne Agius bdiet thedded lil Joseph Antoncich b'familtu. Meta gew il-pulizija u nfurmawha li se jarrestawha, Joanne Agius irvillat u ppruvat tahrab filwaqt lib diet taghti bis-sieq lil diversi pulizija li kienu quddiemha. Inoltre anke gidmet pulizija fil-pexxun ta' saqajh.

**Marilyn Attard**, issegwi lil Joanne Agius bhala Probation Officer u ilha ssegwiha minn Frar 2015 fejn Joanne Agius kienet tpoggiet fuq combination order fejn kellha erbghin (40) siegha community service flimkien ma ordni ta' probation ghal tliet (3) snin. Joanne Agius kienet inghatat din is-sentenza fejn inghatat il-combination order stante li kienet akkuzata li aggrediet u gidmet pulizija. Marilyn Attard tghid li meta Joanne Agius kienet tqila, kienet takkumpanjaha Mater Dei fejn irrizulta li Joanne Agius kellha l-hepatitis C izda kellhom isiru iktar testijiet stante li meta t-tobba kienu regghu ghamlu t-test, dan irrizulta fin-negattiv u bdew jissuspettaw li t-tqala kienet qed tahbi din il-kundizzjoni. Marilyn Attard inoltre tispjega li Joanne Agius ma kellhiex hajja facli u ghandha rabja kbira li ma tafx tikkontrolla. Avolja Joanne Agius ma kienitx tmur ta' spiss ghall-appuntamenti mal-Probation Officer minhabba t-tqala, xorta kien isir komunikazzjoni

regolari permezz tat-telephone. Missier Joanne Agius mejjet u ommha tidhol u tohrog minn hajjet Joanne Agius minghajr beda forma ta' konsistenza.

**Marilyn Attard** regghet xehdet fl-20 ta' Settembru, 2018 fejn ikkonfermat li ilha ssegwi lil Joanne Agius mit-18 ta' Frar, 2009 u tikkonferma li s-sentenza datata 9 ta' Novembru, 2011 hija fil-konfront tal-istess Joanne Agius li ssegwi hi. Hija tikkonferma li sa Jannar 2018, Joanne Agius kienet tidher iktar stabbli.

**Marilyn Attard** regghet xehdet fl-4 t'April, 2019 fejn ipprezentat social inquiry report fejn spjegat illi Joanne Agius kellha hajja kaotika, izda issa ghaddejja minn zmien fejn tidher stabbilita stante li ilha tghix fl-istess post mal-istess familja ghal kwazi tlett snin, ghandha relazzjoni stabbli u qed tistenna t-tieni tarbija. Ma jidhirx li hemm abbuz ta' droga u jidher li qed ikollha support mill-partner taghha. Hija tissuggerixxi li Joanne Agius ikollha terapija li jista' jghinha tikkontrolla r-rabja taghha u anke jkollha element ta' supervizjoni.

**Maria Mangion,** hija stazzjonata l-Agenzija Appogg u taf lil Joanne Agius meta din tal-ahhar kienet gox-shelter tal-Ghabex stante li Joanne Agius kienet allegat abbuz fuqha mill-partner taghha.

**PC 1469 Emerson Borg**, jghid li fis-7 ta' Frar, 2017, huwa kien xoghol l-Agenzija Appogg flimkien mal-kollega tieghu 948 Christian Gauci. Ghal habta tas-2:30 p.m. giet Joanne Agius stante li kellha laqgha ma Joseph Antonovich u social worker mara li ma jafx x'jisimha. Kif is-social workers nizlu jkelmuha, Joanne Agius qabdet tghajjat maghhom ghaliex riedet tara t-tifla taghha. Joanne Agius bdiet issir aggressiva u l-pulizija bin-numru 948 pprova jzommha milli tkun aggressiva lejn is-social workers, tant li ppruvat tigdimlu idejh. Joanne Agius semmiet il-mara u t-tifel ta' Joseph Antonovich. PC 1469 ghalhekk cempel ghall-assistenza u nforma lill-Joanne Agius li kien se jarrestaha. Hawnhekk Joanne Agius bdiet taghti bis-sieq u bil-ponn u anke gimdet saqajn il-leminija fil-pexxun ta' PC 1469. Wara li Joanne Agius eventwalment giet skortata mill-pulizija li gew jassistu lil PC 1469 lejn l-Ghassa tal-Hamrun, PC 1469 mar l-isptar sabiex jittiehdulu testijiet tad-demm, liema testijiet irrizultaw fin-negattiv.

**PC 1100 Neil Micallef**, jghid li fis-7 ta' Frar, 2017 huwa kien xoghol l-Ghassa tal-Hamrun u ghalhab tas-2:00 p.m. dahlet telefonata minghand PC 1469 li l-pulizija li kienu stazzjonati l-Agenzija Appogg kellhom bzonn l-assistenza tal-pulizija. Ghalhekk PC 1100 flimkien ma PS 991 u WPC 126 marru gewwa l-Agenzija Appogg fejn sabu lil Joanne Agius tagixxi b'mod aggressiv hafna. Joanne kienet qed tghajjat, u titkellem hazin u ma bdietx tobdi ghall-ordnijiet li bdew ituha l-pulizija. Kif il-pulizija nfurmaw lil Joanne Agius li se jarrestawha, din tal-ahhar bdiet taghti bis-sieq, titkellem hazin hafna u tghajjat. Fil-fatt, hija ntefghet mal-art u l-pulizija sabu diffikulta' kbira sabiex jimmanettjawha stante li ma bdietx tikkopera maghhom. Ghalhekk PC 1100 hareg barra u minn fuq ir-radio tal-Pulizija, talab lid-Depot jibghatu iktar pulizija sabiex jassistuhom. Meta rega' dahal gewwa, Joanne Agius kienet immanettjata u giet skortata fil-vettura tal-pulizija sabiex tittiehed gewwa l-Ghassa tal-Hamrun. Fil-vettura, Joanne Agius bdiet taghti bis-sieq u anke kisret bicca mill-karozza fejn hemm il-handbrake tal-console. PC 1100 Neil Micallef jghid li ma rax lil Joanne Agius tigdem lil xi pulizija stante li dak il-hin huwa kien qieghed barra jitlob ghal aktar assistenza.

**Dr. Maryanne Caruana**, tahdem bhala consultant cardiologist gewwa l-isptar Mater Dei. Hija tispjega li t-testijiet tad-demm gew ordnati f'isimha izda ma kienitx hi li ordnathom u ghalhekk ma setghetx tikkonferma d-dokument EM3.

**WPC 126 Isabella Galea**, tghid li fis-7 ta' Frar, 2017, giet infurmata mis-surgent tal-ghassa tal-Hamrun li kien hemm xi argument gewwa l-Agenzija Appogg u kien hemm bzonn tal-assistenza tal-pulizija. Kif waslet fuq il-post semghet lil Joanne Agius tghid li se tkisser il-bini tal-Appogg u ghalhekk il-pulizija ppruvaw jikkalmawha. Is-surgent avza lil Joanne Agius li kienet taht arrest u taha d-drittijiet taghha, izda Joanne Agius bdiet tirrezisti l-arrest u bdiet taghti bis-sieq filwaqt li anke toffendi lill-pulizija. Joanne Agius irnexxielha tigdem saqajn il-kollega ta' WPC 126. WPC 126 ippruvat izzomm lil Joanne Agius kemm tista' izda s-surgent taghha avzaha sabiex tiehu pass lura minhabba li WPC 126 kienet fil-bidu tat-tqala taghha.

**Dr. Sarah Cuschieri**, tghid li hija tahdem gewwa l-Emergenza tal-isptar Mater Dei. Hija tispjega li s-sur Emerson Borg kellu patch hamra u abrasion fil-calf ta' saqajh. Il-pazjent l-iehor li rat Dr. Cuschieri kellu patch hamra fuq idejh.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Marzu, elfejn u tmintax (2018) fejn hija dehrilha li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikolu 244A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-Artikolu 338(dd) u (ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Fl-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Fl-Artikoli 17 u 533 tal-Kodici Kriminal, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tal-20 ta' Settembru, 2018 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputata wiegbet li hija m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-imputata Joanne Agius li xehdet b'mod volontarju u fil-prezenza tal-Avukat difensur taghha.

**Joanne Agius**, tghid li ghandha zewgt itfal u l-ewwel tifla twieldet fl-14 ta' Dicembru 2016. Tispjega li qabel ma kienet tqila, l-Agenzija Appogg kienu ssuggerew lil Joanne Agius tmur tghix go shelter, u hija hekk ghamlet. L-Agenzija Appogg qalu lil Joanne Agius sabiex ma tkomplix tiltaqa' ma missier it-tarbija izda Joanne Agius ma semghetx minnhom u marret tghix mal-partner taghha gewwa Ghawdex. Joanne Agius weldet gewwa l-isptar ta' Ghawdex izda kellha tinzamm l-isptar ghal gimgha sakemm jitilghu s-social workers ikellmuha. Fil-fatt Joanne Agius bdiet tahseb li t-tifla kellha xi haga hazina u ghalhekk kienu qed izommuha. Tispjega li l-midwife kelmitha u qaltilha li gejjin tal-Appogg u se jiehdu t-tifla u ghalhekk Joanne Agius ftehmet ma missier it-tifla sabiex jikru post Ghawdex u Joanne telqet mill-isptar. Gew il-Pulizija wara l-bieb ta' Joanne u qalulha

biex tiftah, izda Joanne ma rieditx tifthilhom ghax bezghet li se jiehdulha t-tifla. Hija kelmet lil zitha u talbitha tghix maghha. Sahansitra, anke z-zija kelmet lil tal-Appogg u nfurmathom li kienet se tghejjex lil Joanne u lil bintha. Dakinhar stess, Joanne inghatat karta li tista' tappella fi zmien ghoxrin gurnata sabiex terga' tiehu t-tifla, imma nel frattemp, l-Agenzija Appogg kellhom jiehdu t-tifla. L-ghada filghodu Joanne haslet lit-tifla u libsitha, libset hi u kienet se tmur ghand l-Avukat fuq parir tal-Pulizija, izda kif fethet il-bieb, il-pulizija qalulha li hi setghet tmur ghand l-Avukat imma t-tifla ma setghetx tohrog mid-dar. Il-pulizija spiccaw hadu t-tifla bil-forza, tant li Joanne hasbet li t-tarbija mietet u ghamlet xahar issaqsi lit-tobba, social workers u pulizija jekk bintha kienitx ghadha hajja. Joanne kellha laqgha ma tal-Appogg fejn giet infurmata li t-tifla tinsab go foster home u li Joanne kien se jkollha siegha fil-gimgha visit mat-tifla gewwa l-Appogg stess. Waqt il-visit, Joanne bdiet thossha hazin li t-tifla kienet qed titrabba minn haddiehor u li hi ma kienitx qed tara lil bintha tikber gurnata wara ohra, u bdiet tghid lil tal-Appogg x'tista' taghmel biex tiehu t-tifla maghha. Alicia Cauchi, is-social worker kienet cemplet lil Joanne Agius u qaltilha li peress li Joanne Agius riedet tharrab it-tifla maghha, il-visit ma kienitx se ssir. Ghalhekk, Joanne Agius flimkien mal-partner taghha Brian nizlu l-Agenzija Appogg u tammetti li nizlet b'rabja, tant li bdiet tghajjarhom u tagixxi b'mod aggressiv. Sahansitra, nizlet mal-art sabiex ma tigix arrestata u gidmet Pulizija. Eventwalment, giet arrestata u ttiehdet l-Ghassa tal-Hamrun. Wara li tresqet il-Qorti, inghatat il-helsien mill-arrest u wara sitt xhur, l-Agenzija Appogg baghtu ghal Joanne Agius fejn infurmawha li se terga' tibda tara lit-tifla taghha ghal siegha fil-gimgha. Matul dawk is-sitt xhur, Joanne qatt ma rat lil bintha. Matul il-visits, it-tifla kienet il-hin kollu tibki ghal foster carer stante li lil Joanne Agius it-tarbija ma kienitx tafha. Wara certu zmien, il-visit zdiedet ghal saghtejn izda t-tifla xorta baqghet tibki ghal ommha l-foster carer. Is-social workers infurmaw lil Joanne Agius li ghal gid tat-tifla peress li kienet qed tibki kontinwament matul il-visits ma Joanne, kienu se jaqtghu il-visits ma' Joanne. Ghalhekk, saret visit mat-tarbija flimkien mal-foster carer u s-social workers innutaw li t-tarbija kienet qed tilghab mal-foster carer u mhux ma Joanne Agius. Meta Joanne inqabdet tqila bit-tieni tarbija u bdiet tghid lit-tifla li kien se jkollha tarbija, it-tifla bdiet turi interess u meta Joanne weldet, hadet lit-tifel maghha l-visit u kienet l-ewwel darba li t-tifla qaghdet kwieta u riedet anke terfa' lit-tifel.

Saret it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Fis-7 ta' Frar tas-sena 2017 l-imputata Joanne Agius kienet marret gewwa l-Agenzija Appogg minhabba li giet infurmata li ma kellhiex access ghat-tarbija taghha ta' ftit granet. Skont ma qalu x-xhieda li kienu prezenti gewwa l-ufficini tal-Agenzija Appogg, l-imputata kellha rabja kbira fejn anki hija stess ammettiet li kienet irrabjata minhabba li ma kenitx qieghda tara lil bintha. Dan ghal fatt li skont is-social workers kellhom iwaqqfu l-access tal-omm minhabba biza li setghet tehodha lura u tpoggiha f'periklu. Fil-mument li l-imputata kienet gewwa l-Agenzija Appogg, qajmet kommossjoni kbira fejn kellhom jaslu fuq il-post aktar pulizija sabiex jarrestaw lill-imputata. Illi f'din il-kommossjoni, l-imputata nizlet mal-art sabiex ma tigiex arrestata u gidmet il-Pulizija li prova jarresta u dan hareg minn dak li xehed l-istess kuntistabbli Emerson Borg. Ghalkemm f'mumenti qabel l-imputata pruvat tigdem Pulizija iehor f'idejh izda lahaq nehha idejh. Fil-mument li hija giet arrestata skont ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, l-agir taghha kompla anki fl-istess vettura tal-Pulizija fejn giet akkuzata li ghamlet hsara fl-istess vettura tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Huwa principju baziku ipprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted*

*fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Illi wara din l-esposizzjoni legali l-Qorti trid tghaddi biex tara l-akkuzi li hemm fil-konfront tal-imputata gewx ippruvati jew le.

**Provi**

**L-ewwel Imputazzjoni ksur tal-Artikolu 244A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Ir-reat taht l-artikolu 244A tal-Kap 9 jghid hekk:-

*244A.(1) Kull min, meta jkun jaf li jkollu, jew li jkun afflitt b'xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi speċifikata skont is-subartikolu (3), b'xi mod xjentement jittrasmetti, jikkomunika jew jgħaddi dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna oħra li ma tkunx marida jew afflitta biha jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn erba' snin sa disa' snin:*

*Iżda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala rizultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu211(1).*

*(2) Meta dik il-marda jew kondizzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) tigi trasmessa, ikkomunikata jew mgħoddija b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' xi regolament mill-persuna li kienet li kien imissha tkun taf li tkun marida jew li tkun afflitta b'dik il-marda jew kondizzjoni, dik il-persuna teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37):*

*Iżda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala riżultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 225.*

*(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu, b'avviż fil-Gazzetta, jispeċifika l-mard jew kondizzjonijiet li għalihom japplika dan l-artikolu.*

Illi maghdud ma' dan l-artikolu hemm ukoll l-avviz legali 137 tal-2005 fejn jelenka t-tip ta' mard li jaqa' taht l-artikolu 244A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi skont dan l-avviz legali jaghmila cara b'dan il-mod:-

*2. Il-mard jew kondizzjonijiet li ġejjin huma speċifikati bħala mard jew kondizzjonijiet li għalihom japplika l-artikolu 244A tal-Kodiċi Kriminali:*
*(a) Human Immunodeficiency Virus Infection (HIV);*
*(b) Acquired Immune Deficiency Syndrome (AIDS);*
*(ċ) Infezzjoni ta' l-Epatite B;*
*(d) Infezzjoni ta' l-Epatite C;*
*(e) Tuberkulosi.*

Dan huwa reat ta' meta persuna tinfetta persuna ohra minhabba mard jew kundizzjoni ohra li f'dan il-kaz huma specifikati fl-avviz legali. F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni resqet xhieda li sfaw migduma mill-imputata wara li l-Pulizija pruvaw jarrestawha. Ghalhekk il-Qorti trid tannaliza dawk il-provi li l-imputata kellhiex mard infettiv jew kundizzjoni ohra

kif imsemmi fl-avviz legali 137 tal-2005 u l-konsegwenzi taghhom. Dawn it-tip ta' infezzjonijiet tista' tghaddi minn persuna ghall-ohra permezz t'attività sesswali, jew kuntatt iehor ma' demm jew fluwidi infettati tal-persuna infettata. Illi fil-kaz odjern, biex il-Qorti tkun tista' ssib htija fl-imputata, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Illi f'dan il-kaz irid jigi pruvat li l-imputata infettat b'infezzjoni partikolari li trid tkun wahda minn dawk imsemmija fl-avviz legali, lil xi persuna ohra li f'dan il-kaz lil membri tal-Korp tal-Pulizija. Huwa necessarju biex il-Qorti tkun tista' ssib htija fl-imputata, il-Prosekuzzjoni trid tipprova:

(1) li jkun hemm marda jew xi kundizzjoni ohra specifika hekk kif msemmija fl-avviz legali fuq il-persuna tal-imputata;
(2) l-attivita jew l-agir li twassal li tinfetta persuna ohra;
(3) it-trasmissjoni tal-marda jew kundizzjoni partikolari specifikata, mill-persuna tal-imputata ghal fuq l-membri tal-Pulizija;
(4) Illi fil-mument li jkun sehh ir-reat, il-persuna (li f'dan il-kaz kienu l-Pulizija) ma kienux ibaghtu minn xi marda jew kundizzjoni msemmija fl-avviz legali;
(5) Illi l-imputata fil-mument li tkun wetqet ir-reat kienet taf li hija ghandha marda jew kundizzjoni specifika u ghalhekk b'mod volontarju titrasmetti din il-marda fuq persuna ohra li ma kenitx affetwata min din il-marda;
(6) Illi l-imputata kienet taf li kienet afflitta minn dik il-marda jew kundizzjoni, tittrasmetti u tikkomunika b'dik l-istess marda jew kundizzjoni li xi haddiehor minhabba li l-imputata tkun agixxiet b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' xi regolamenti.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok sabiex din l-imputazzjoni tirnexxi jrid jigi pruvat li l-imputata kienet fil-mument li sehh ir-reat tbati minn xi marda jew kundizzjoni msemmija fl-avviz legali. Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li meta kien qieghed jinvestiga l-ispettur Magro sar jaf minn ghand il-Probation Officer li l-imputata setghet kienet aflitta mill-Hepatitis C. Illi kien ghalhekk li kien baghat il-Pulizija li kienu ngidmu mill-imputata sabiex jaghmlu dawk l-ezamijiet necessarji. Illi pero irrizulta li l-Pulizija li sarilhom l-ezami ma kienux qieghdin ibaghtu minn ebda infezzjoni. Illi minn naha l-ohra dan ir-reat jirrigwarda l-intenzjoni tal-persuna akkuzata b'dan ir-reat li kellha l-infezzjoni fil-mument li sehh dan il-kaz. Illi dak li sema bih l-istess Spettur minghand il-Probation Officer dwar l-infezzjoni li setghet kellha l-imputata ma serviex bhala prova. Illi l-unika prova f'dan il-kaz partikolari ghandu jkun wiehed xjentifiku wara li jsiru ezamijiet necessarji sabiex jigi stabbilit jekk fil-mument tar-reat, l-imputata kellhiex xi forma ta' infezzjoni jew inkella tingieb dik il-prova permezz ta' dokument li turi li hija ghada tbati minn xi marda infettiva

jew kundizzjoni. Illi madana kollu, il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova li l-imputata kienet qieghda tbati minn xi marda hekk specifikata fl-avviz legali sabiex ir-reat msemmi fl-artikolu 244A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi kkunsidrat. F'dan il-kaz il-prova ta' marda specfika jew kundizzjoni kellha tkun il-bazi ta' din l-akkuza u huwa indifferenti ghall-ahhar jekk fil-fatt l-istess membri tal-korp irrizultaw fin-negattiv. Illi ghalhekk fit-tali nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti qieghda tillibera lill-imputata minn tali imputazzjoni.

**It-Tieni u t-Tielet imputazzjonijiet bi ksur tal-artikoli 96(a) u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, l-imputata tinstab akkuzata bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn iz-zewg reati jirrigwardaw reati li jkunu sehhew fil-konfront ta' ufficjal pubbliku. Illi ghalkemm f'dan il-kaz ikunu sehhew fuq ufficjal pubbliku, hemm differenza bejn iz-zewg reati msemmija f'dawn l-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-Artikolu 95 dan jitkellem fuq l-ingurja, it-theddid jew l-offiza li ssir fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku (1) waqt illi dan ikun qed jaghmel servizz pubbliku; jew (2) minhabba li jkun ghamel dan is-servizz; jew (3) bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Sabiex jigi spjegat aktar dak li hemm fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo meta jikkwota lill-awturi Cheveau et Helie fejn jghid hekk:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Il-Professur Mamo jkompli jellabora fuq din il-kwistjoni fejn ir-reat ikun sehh fuq ufficjal pubbliku jew inkella persuna li tkun inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku u jghid hekk:

> "*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or*

*badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Illi maghdud ma' dan hemm dak li jissemma fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi sabiex jigi spjegat b'mod aktar, sejra ssir referenza ghal dak li hemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino**, fejn gie spjegat fid-dettal ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96:

"*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-dispozizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

*Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:*

*"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti"*

Anki fis-sentenza **l-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-12 ta' Settembru 1996, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed*

*jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95*."

Illi fil-kaz odjern, l-imputata meta kienet gewwa l-ufficini tal-Agenzija Appogg kien hemm diga zewg membri tal-Pulizija. Illi skont ix-xhieda li ta' PC 948 Christian Gauci (a fol 40) minhabba l-attegament tal-imputata ordnala biex tohrog barra izda fil-mument li hija kienet imbuttat lis-social worker Joseph Antonovich mar izomma u pruvat tigdem idejh. Kien ghalhekk li nfurma li sejra tigi rappurtata fejn kelmitu hazin. Illi kien ghalhekk kompla jghid li wara li talab l-assistenza ghal aktar pulizija fejn waslu fuq il-post fejn giet mgharfa li kienu sejrin jarrestawha.

Illi f'dan il-mument il-Pulizija kienu qieghdin jagixxu skont il-Ligi fil-qadi ta' dmirijiethom sabiex jarrestaw lill-imputata fejn saret aktar aggressiva tant li gidmet Pulizija u cioe' lil PC 1469 Emerson Borg f'saqajh (ara xhieda tal-istess kuntistabbli a fol. 90). Illi bla dubju ta' xejn f'dan il-mument fejn il-Pulizija pruvaw izommu l-imputata sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Illi anki mix-xhieda ta' PC 1100 Neil Micallef (a fol 116) juri bic-car li l-imputata ma bdietx tobdi l-ordnijiet mghotija lilha u fil-hin li gie ordnat l-arrest taghha intefghet mal-art u taghti bis-sieq fost ukoll kliem hazin fil-konfront tal-Pulizija.

Fid-dawl ta' dak li ntqal mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija involuti f'dan il-kaz u anki mill-istess xhieda tal-imputata Joanne Agius (a fol 227) semmiet li kienet gidmet Pulizija biex ma jarrestahiex. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi mix-xhieda tal-istess Pulizija u anki minn dak li qalet l-istess imputata u fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati dwar l-elementi tar-reat kkontemplati fiz-zewg artikoli msemmija, il-Qorti tqis illi dawn jissussisti. Ghalhekk tqis illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati.

**Ir-Raba Imputazzjoni – Tenttativ ta' Feriti Gravi**

Fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju tal-13 ta' Frar 2018 l-Avukat Generali fil-paragrafu (d) indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' attentat tal-offiza gravi fuq il-persuna. Rigward l-akkuza dwar it-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-

persuna jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

*"Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika vs Domenic Briffa* deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesion gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di*

*tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje tal-fatti bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija ghal din l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga inghad l-uniku prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dana l-incident hija x'qal PC 1469 Emerson Borg u Pulizija ohrajn li kienu fuq il-post.

Ghandu jinghad li mix-xhieda ta' PC 1469 qal li fil-mument li l-imputata kienet fl-art sabiex jarrestawha dahret u gidmietu f'saqajh. Illi mill-istess certifikat mediku mahrug

wara li kien gara l-kaz, il-ferita giet meqjusa bhala hafifa tant li fil-konfront ta' PC 984 Christian Gauci lanqas biss giet certifikat in-natura tal-ferita li kellu f'idu. Ghandu jinghad li l-istess imputata meta xehdet f'dawn il-proceduri ammettiet li kienet gidmet Pulizija sabiex ma tigiex arrestata fil-mument li hija kienet imhawwda b'dak kollu li kien gralha. Illi f'ebda hin mix-xhieda taghha issemmi li hija kellha hsieb li tweggha b'mod gravi l-Pulizija ghaliex kollu sehh fil-mument li pruvaw jarrestawha. Illi mandankollu, ma ngiebet ebda prova li l-imputata kellha intenzjoni specifika li tikkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-Pulizija. Huwa minnhu li hija pruvat tostakola l-Pulizija biex ma tigiex arrestata fil-mument li kienet fl-art u irrabjata ghas-sitwazzjoni li kienet fiha dak il-hin izda dik l-intenzjoni specifika li hija riedet b'xi mod tikkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-Pulizija ma tresqietx.

Illi din il-Qorti wara li rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali u cioe' fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Joanne Agius, u minn dak li johrog mill-gurisprudenza, l-Prosekuzzjoni sabiex tirnexxi f'dan il-kaz kellha ggieb il-prova li l-intenzjoni tal-imputata keinet wahda li tikkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-Pulizija. Illi kif diga inghad din il-prova ma tresqietx u ghalhekk fin-nuqqas tal-prova tal-intenzjoni specifika li tikkaguna ferita gravi fuq il-membri tal-Pulizija, din il-Qorti ma tistax issib htija u ghalhekk tillibera minn din l-akkuza.

**Il-Hames Imputazzjoni – Ferita Hafifa**

L-artikolu 221 jghid :

> ***221.*** *(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa…*

Illi skont ma' gie certifikat minn Dr. Sarah Cuschieri fejn ezaminat lil membri tal-Pulizija u cioe' lil Emerson Borg u Christian Gauci fid-data tas-7 ta' Frar 2017 qalet li Emerson Borg kellu griehi hfief waqt li fil-konfront ta' Christian Gauci ma gewx kllassifikati.

Illi jidher minn dan kollu li Emerson Borg soffra biss ferita ta' natura hafifa. Ghalhekk jidher b'mod assolut kemm mill-istess xiehda tax-xhieda kif ukoll mill-indikazzjonijiet tal-ferita ta' Emerson Borg soffra ferita hafifa minhabba l-agir tal-imputata. Illi hareg bic-car li l-istess imputata wkoll qalet li kienet gidmet wiehed mill-Pulizija fejn kien sofra ferita

ta' natura hafifa. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn Joanne Agius ghandha tinstab hatja li kaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' PC 1469 Emerson Borg.

**l-Imputazzjonijiet ta' natura Kontravenzjonali numru sitta, seba' u disa'.**

L-imputazzjonijiet numru 6, 7 u 9 sejrin jigu decizi flimkien minhabba n-natura taghhom bhala kontravenzjonijiet. Illi mill-provi mressqa jidher b'mod car u assolut li l-imputata qajmet kommossjoni shiha gewwa l-ufficini tal-Agenzija Appogg bl-ghajjat u storbju taghha. Illi anki fil-mument li hija kienet gewwa u dak li hareg mix-xhieda stess tal-istess Joseph Antonovich u Alicia Cauchi, li l-imputata hebbet ghal Alicia Cauchi (a fol 44) fejn kompliet tghidilha li kienet sejra ssibha barra. Minn naha l-ohra Joseph Antonovich ikkonferma li kienet imbuttatu u anki bdiet isemmielu l-familja tieghu u li ma kienx se jarahom. Illi kemm minn dak li qalu l-istess Pulizija fix-xhieda taghhom kienu tawha diversi okkazjonijiet sabiex tieqaf u tikkalma izda kien kollu ghalxejn. Illi ghalhekk wassal sabiex il-Pulizija jiehdu azzjoni u jarrestawha minhabba li bdietx tobdi l-ordnijiet taghhom waqt li hija kienet gewwa l-ufficini tal-Agenzija Appogg.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma' ghandha ebda dubju u qieghda ssib hatja lil Joanne Agius tal-imputazzjonijiet numri sitta (6), seba' (7) u disa (9).

**L-imputazzjoni numru tmienja**

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe' fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2017, l-istess ufficjal Prosekutur ivverbalizza li fil-vettura tal-Pulizija numru GVP 535 (li ma kenitx tintuza aktar) ma kellha ebda hsara fiha. Illi ghalhekk fid-dawl ta' da nil-verbal u fuq nuqqas ta' prova ta' hsara li giet kkagunta fuq il-vettura, l-imputata qieghda tigi misjuba mhux hatja ta' din l-imputazzjoni.

**L-Imputazzjoni numru Ghaxra – ksur tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputata hija wkoll akkuzata li kisret Ordni ta' Probation lilha mghoti nhar it-3 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Magistrati fejn giet misjuba hatja u nghatat Ordni ta' Probation taht l-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perijodu ta' tlett snin kif ukoll Multa ta' sitt elef Euro barra servizz fil-komunita'. Illi f'din is-sentenza hija kellha akkuzi simili ghall-ahhar ghal kaz odjern. L-artikolu 23 japplika fejn ikunu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-*probationer* dwar xi reat kommess matul il-perijodu ta' *probation* u tinsab il-htija.

Jigifieri l-proceduri huma separati u distinti u jigu inizjati bi proceduri differenti ghal raguni differenti, cioe` fl-ewwel kaz minhabba ksur ta' xi htiega fl-Ordni ta' *Probation*, fit-tieni kaz minhabba l-kommissjoni ta' reat tul il-perijodu ta' *probation*. Illi salv dak li jghid l-artikolu 23 tal-Kap 446, il-Qorti sejra tittratta ghar-reat li hija kienet giet akkuzata bih. Illi f'dan il-kaz, din il-Qorti sabet lill-imputata hatja ta' diversi akkuzi li sehhew fil-perijodu li l-imputata kienet taht ordni ta' Probation u dan bi ksur tal-artikolu 23. Illi mis-sentenza li giet esebita li tinstab a fol 21 tal-process, liema sentenza giet esebieta bhala vera kopja, turi li n-numru tal-karta tal-identita' jaqbel ma' dak tal-istess imputata. Illi ghalhekk din is-sentenza tirrigwarda lill-istess imputata. Illi fid-dawl tal-fatt li l-imputata giet misjuba hatja ta' diversi akkuzi li sehhew matul il-perijodu mghoti lilha fil-Probation, ghalhekk qieghda tigi misjuba hatja li kisret il-kundizzjonijiet mghoti lilha fis-sentenza tat-3 ta' Frar 2015.

**Recidiva taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputata giet akkuzata wkoll bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-recidiva u l-effett taghhom u f'dan il-kaz ir-recidiva hija reat u akkuza per se u ghalhekk titlob li tingieb l-ahjar prova sabiex jigi zgurat li persuna tinstab htija jew le skont il-kaz. F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Abela Paul* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
>
> *Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Zahra* moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawza giet esebita kopja legali ta' sentenza fil-konfront ta' persuna bl-isem ta' Joanne Agius bid-data mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Novembru 2011. Illi ghandu jinghad li fl-akkuzi mahruga mill-Pulizija ma hemm ebda referenza ghal din is-sentenza izda biss li giet akkuzata bir-recidiva. In oltre f'din is-sentenza l-persuna appellanti kienet wehlet biss ammenda ta' hamsin Euro u kellha l-Ordni ta' Probation li giet imgedda. Illi ghalhekk imiss jekk f'dan il-kaz din is-sentenza li giet esebita a fol 110 gewx segwiti r-rekwiziti necessarji bhala prova taghha. Illi mis-sentenzi hawn fuq kwotati, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li dik is-sentenza hija tal-istess imputata. Illi sabiex isir il-prova tal-identita' almenu kellu jitla jixhed l-istess ufficjal prosekutur li kien mexxa l-kaz. Illi f'dan il-kaz ma sarx hekk u telghet tixhed Probation Officer Marilyn Attard. Illi min-naha taghha wara li rat is-sentenza esebita ghamlet referenza ghan-numru tal-karta tal-identita' li hija kellha. Illi ghandu jinghad li fis-sentenza esebita ma hemm ebda numru tal-karta tal-identita sabiex jigi zgurat li dik id-decizjoni qieghda taghmel referenza ghall-istess imputata. Illi fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ma kenitx wehlet gimgha habs izda biss ammenda ta' hamsin Euro u l-Ordni ta' Probation li giet estiza. Illi minn dan kollu, il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni dwar dik is-sentenza li giet esebieta qieghda taghmel referenza ghall-istess imputata meta lanqas biss hemm indikazzjoni li hija l-istess persuna fuq id-dokument esebiet

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jistax isir zieda fil-piena minhabba recidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tad-9 ta' Novembru 2011 peress li ma jirrizultax li mill-provi prodotti li dik is-sentenza qieghda taghmel referenza ghall-istess imputata. Illi fid-dawl

tal-fatt li ma giex ippruvat l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz lanqas tista' tinstab htija ghal dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputata, liema fedina penali turi akkuzi simili hafna fejn ingurjat jew inkella hebbet ghal xi persuni. Illi jidher ukoll li hija kienet inghatat diversi opportuninajiet mill-Qrati taghna sabiex tikkontrolla r-rabja taghha. Dwar dawn hija tqieghdet taht Ordni ta' *Probation*, fejn l-imputata xellfet diffrejha mal-gustizzja diversi drabi.

Qieset ukoll in-natura tar-reati li taghhom qieghda tinstab hatja l-imputata, kif ukoll in-natura tal-griehi minnha ikkagunati lil Emerson Borg bhala ufficjal Pubbliku.

Ikkunsidrat ukoll illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li dwarhom qed tinstab hatja l-imputata.

**Konklużjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 244A, 96(a), 95, 41(1)(a), 214, 215, 216, 221, 338(dd), 338(ee), 339(1)(e), 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 49, 50, 17 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata hatja tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitta (6), tas-seba (7), tad-disa (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet u qegħda tillibera mill-ewwel (1), mir-raba (4), mit-tmienja (8) imputazzjonijiet u mill-aaggravant tar-recidiva that l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda tikkundannha ghall-piena ta' sentejn prigunerija prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qeghda tigi sospiza ghall-perjodu ta' erba' snin mil-lum u ghal multa ta' hamest elef ewro (€5000) li, ghandha tigi mhallsa fi zmien tlett (3) snin mil-lum, b'dan illi jekk tonqos milli thallas din il-multa fiz-zmien indikat, b'mod immedjat ghandha tigi konvertita fi prigunerija skont il-liġi.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Stante illi ma nhatru ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti m'hijiex qegħda tordna l-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**